

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Talbiet żgħar

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Talbiet żgħar

Ġibiltà

Artikolu 25 1 (a) Il-qrati kompetenti

Il-Qorti li se jkollha ġurisdizzjoni biex tagħti sentenza fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar se tkun il-Qorti Suprema ta' Ġibiltà. Il-proċedura se tkun quddiem il-Master tal-Qorti Suprema li huwa l-Imħallef innominat għal Talbiet Żgħar.

Artikolu 25 1 (b) Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-mezz ta' komunikazzjoni li se jkunu aċċettabbli mill-Qrati f'Ġibiltà hija biss il-posta (minħabba l-ħtieġa li wieħed iħallas tariffa tal-qorti biex jinħareġ il-proċess).

Artikolu 25 1 (c) Awtoritajiet jew organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza Prattika

Appell huwa disponibbli f'Ġibiltà skont id-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Qorti Suprema 2000 li bażikament jipprovdu li tali appell għandu jsir quddiem l-Imħallef Addizzjonali jew il-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema.

Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Parti 52 tar-Regoli ta' Proċedura Ċivili u d-Direzzjoni ta' Prattika li takkumpanjaha se jirregolaw addizzjonalment l-proċeduri għal kwalunkwe appell bħal dan. Ir-Regoli tal-Qorti Suprema 2000 jistabbilixxu l-iskala ta' żmien sabiex appelli simili jiġu ppreżentati u, r-Regoli tal-Qorti Suprema u l-Parti 52.4 jispeċifikaw il-limiti taż-żmien li fihom jista' jsir appell.

Artikolu 25 1 (d) Mezzi ta' notifika u komunikazzjoni elettroniċi u metodi biex wieħed jagħti l-kunsens tiegħu għalihom

Il-Lingwa Uffiċjali aċċettabbli skont l-Artikolu 21(2)(b) hija l-Ingliż.

L-Artikolu 25 1(e) Persuni jew professjonijiet, obbligati jaċċettaw in-notifika ta' dokumenti jew komunikazzjonijiet oħrajn bil-miktub permezz ta' mezzi elettroniċi

L-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' infurzar u għall-finijiet tal-Artikolu 23 għandha tkun il-Qorti Suprema ta' Ġibiltà.

Artikolu 25 1 (i) Lingwi aċċettati

Il-Lingwa Uffiċjali aċċettabbli skont l-Artikolu 21(2)(b) hija l-Ingliż.

L-aħħar aġġornament: 11/11/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.